# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' April, 2023.**

**Numru 11**

**Rikors numru 502/16/1 RGM**

**Avukat Dr. Josette Sultana bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' Mohammad Imad Raouf u Iman Salim Daoud;**

**u b'digriet tal-14 ta' April, 2022 l-atti ġew trasfużi f'isem Iman Salim Daoud Khamis u Ayman Mohammad Imad Raouf wara l-mewt ta' Mohammad Imad Raouf**

**v.**

**MPM Capital Investments Limited (C 46783);**

**u b'digriet tat-28 ta' Settembru, 2016 ġew imsejħin fil-kawża s-soċjetajiet esteri Primero Solutions Company Limited u Ultra Solutions MG Limited;**

**u b'digriet tat-3 ta' Novembru, 2017 ġew maħtura l-Avukat Dr. Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjetà Ultra Solutions MG Limited**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-kumpanija MPM Capital Investments Limited minn digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru, 2022, fejn din ċaħdet it-talba tal-kumpanija konvenuta sabiex tqis bħala inammissibbli x-xhieda ġuramentata tal-attur Mohammed Imad Raouf u kull dokumentazzjoni ppreżentata minnu f'din il-kawża, u b'hekk tneħħi mill-atti kemm ix-xhieda kollha tiegħu u kif ukoll kull referenza li saret għaliha fl-atti.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-24 ta' Ġunju, 2016, il-mandatarja speċjali tal-atturi talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tordna lill-kumpanija MPM Capital Investments Limited troddilha lura l-flus kollha li kienu ġew iddepożitati fil-kontijiet bankarji tagħha minn Mohammad Imad Roauf u Iman Salim Daoud u kif ukoll sabiex tillikwida d-danni mġarrba minnhom.

3. Matul is-smigħ tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, l-attur Mohammad Imad Raouf ta x-xhieda tiegħu kemm permezz ta' affidavit u kif ukoll *viva-voce* waqt is-seduti tal-25 ta' Frar, 2019 u tal-21 ta' Marzu, 2019. Fid-19 ta' Mejju, 2021 beda jsir il-kontroeżami tal-attur Mohammed Imad Rouf permezz ta' vidjokonferenza iżda fis-seduta tas-26 ta' Jannar,

2022, l-Ewwel Qorti ġiet mgħarrfa li l-istess attur kien miet u għalhekk il-kontroeżami tiegħu ma setax jitkompla.

4. Minħabba f'hekk, fis-27 ta' Settembru, 2022, il-kumpanija appellanti ressqet rikors quddiem l-Ewwel Qorti fejn talbet biex jitneħħew mill-atti kull xhieda u kull dokument li ġew imressqa mill-attur Mohammad Imad Raouf. Din it-talba tal-kumpanija appellanti ġiet miċħuda b'digriet mogħti fil-15 ta' Diċembru, 2022. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

> *«38. Minn dan ir-reżokont huwa evidenti illi l-fatt li s-soċjetà konvenuta ma laħqitx ikkonkludiet il-kontro-eżami tal-attur minħabba li ġie nieqes ma hux tort tal-istess attur.*
>
> *39. Kif rajna, l-istess attur, wara li ppreżenta l-affidavit tiegħu lura fis-sena 2016, kellu s-smigħ tal-kawża minnu istitwita prattikament sospiż għal circa sentejn mhux tort tiegħu iżda minħabba li fuq talba tas-soċjetà konvenuta ġew imsejħa fil-kawża żewġ kumpaniji esteri li damu sabiex ġew notifikati.*
>
> *40. Il-Qorti osservat illi wara li ġew notifikati s-soċjetajiet kjamati in kawża, is-soċjetà konvenuta ma talbitx li tagħmel il-kontro eżami tal-attur iżda ħalliet li l-attur ikompli jressaq provi tiegħu.*
>
> *41. Jidher mill-atti li l-istrateġija tas-soċjetà konvenuta kienet li tagħmel il-kontro-eżami tal-attur wara li jiddikjara li m'għandux aktar provi, dikjarazzjoni li saret quddiem din il-Qorti diversament presjeduta waqt l-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2019, circa tliet snin wara li l-attur ippreżenta l-affidavit tiegħu.*
>
> *42. Huwa minnu illi wara l-affidavit tiegħu l-attur xehed darbtejn viva voce quddiem il-Qorti iżda huwa daqstant ieħor minnu illi sussegwentement l-attur ġie ċertifikat li qed ibati minn marda terminali.*
>
> *43. Appena ġie ċertfikat li għandu marda terminali l-attur talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jiġi kontro-eżaminat permezz ta' video call iżda s-soċjetà konvenuta opponiet tant illi din il-Qorti diversament presjeduta ma ddekretatx ir-rikors u ħallietu sabiex tisma' lill-avukati tal-partijiet.*

*44. Dik l-opposizzjoni tas-soċjetà konvenuta waslet li nħlew diversi seduti li fihom ma sar xejn peress li baqgħet topponi li tagħmel il-kontro-eżami bil-mezz virtwali. Sitwazzjoni din li kompliet tikkomplika ruħha bil-miżuri tal-għeluq tal-qrati minħabba l-pandemija Covid-19.*

*45. Fil-frattemp is-smigħ tal-kawża għadda quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta filwaqt li s-soċjetà konvenuta ma rtiratx l-oppożizzjoni tagħha sabiex l-attur jixhed in kontro-eżami permezz ta' video call.*

*46. B'digriet tas-7 ta' Ottubru 2020 din il-Qorti ordnat li l-kontro-eżami tal-attur isir bil-mezz ta' video call.*

*47. Minn kif żvolġew l-affarijiet jidher biċ-ċar illi d-dewmien sabiex isir il-kontro-eżami tal-attur bl-ebda mod ma jista' jiġi imputat lill-attur imma fl-ewwel lok peress li s-soċjetà konvenuta talbet u ottjeniet il-kjamat in kawża ta' żewġ kumpaniji esteri li n-notifika ta' waħda minnhom ġabet diffikultà kbira li mbagħad irriżulta li kienet struck off snin qabel. Fatt dan li fil-fehma tal-Qorti s-soċjetà konvenuta kellha mezzi sabiex tivverifika dwaru u mhux tħalli xhur konsiderevoli jgħaddu mingħajr ma saru verifiki fir-rigward.*

*48. Fit-tieni lok kien hemm id-differimenti kaġun tal-miżuri marbuta mal-pandemija Covid-19.*

*49. Fit-tielet lok kien hemm id-dewmien li jsir il-kontro eżami tal-attur minħabba l-linja li ħadet is-soċjetà konvenuta li tali kontro-eżami tikkonduċih wara li l-attur jagħlaq il-provi tiegħu.*

*50. Fir-raba' lok kien hemm l-indisposizzjoni tal-konvenut minħabba l-kura li kien qed jieħu minħabba l-marda terminali li ħakmitu.*

*51. Fil-ħames lok kien hemm l-oppożizzjoni tas-soċjetà konvenuta li tagħmel il-kontro-eżami tal-attur permezz ta' video call, nonostante li kien qed jirriżulta li l-attur ma setax jivjaġġa lejn Malta minħabba l-marda terminali li kien qed isofri minnha.*

*52. Tajjeb jiġi osservat u sottolineat illi t-talba li jiġi kontro-eżaminat bil-mezz ta' video call minħabba li ma setax jivjaġġa b'riżultat tal-kimoterapija li kien qed jirċevi, l-attur għamilha permezz ta' rikors tas-16 ta' Settembru, 2019, sentejn u erba' xhur qabel ma miet.*

*53. Tajjeb ukoll li jiġi sottolineat illi kieku l-Qorti, nonostante l-oppożizzjoni tas-soċjetà konvenuta, ma ordnatx li l-kontro-eżami tal-attur isir bil-mezz ta' video call, kieku lanqas il-kontro-eżami li laħaq sar ma kien isir qabel l-attur ġie nieqes.*

*54. Is-soċjetà konvenuta tilmenta illi b'din is-sitwazzjoni id-dritt għal smigħ xieraq ser jiġi miksur u li l-unika rimedju huwa l-isfilz ta' kull kelma li xehed u ta' kull dokument ippreżentat mill-attur illum defunt.*

*55. Fil-fehma tal-Qorti s-soċjetà konvenuta ma hix korretta fit-talba tagħha. Id-dritt għal smigħ xieraq hu konċess fit-termini tal-liġi tal-proċedura. Għalhekk una volta s-soċjetà konvenuta ħalliet ħafna żmien jgħaddi qabel ma resqet 'il quddiem sabiex tagħmel il-kontro-eżami tal-attur dwar l-affidavit tiegħu ma jistax jitqies illi bil-fatt li ma laħqitx ikkonkludiet il-kontro-eżami ser jiġi leż id-dritt tagħha għal smigħ xieraq u għal equality of arms. (Ara: Anthony Micallef vs Avukat Ġenerali - Prim' Awla (sede Kostituzzjonali) - 7 ta' Lulju, 2004).*

*56. Bil-fatt li jmut xhud wara li jkun ta t-testimonjanza tiegħu iżda qabel ma jkun sarlu l-kontro-eżami, ma jagħmilx ix-xhieda tiegħu inammissibbli (Micallef Insurance Agency Limited vs Mario Bugeja et. - Prim' Awla (sede Kost) - 24 ta' Jannar, 2014).*

*57. Inżamm ukoll illi "............huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni." - Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et, - Prim' Awla - 29 ta' Settembru, 2016).*

*58. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet Zubac v. Croatia (QEDB, 05/04/2018): "...procedural rights will usually go hand in hand with procedural obligations. The Court would also stress that litigants are required to show diligence in complying with the procedural steps relating to their case (see, Bąkowska v. Poland, no. 33539/02, § 54, 12 January, 2010; see also, mutatis mutandis, Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain, 7 July, 1989, § 35, Series A no. 157)............ ...the applicant, who was legally represented in the domestic proceedings, had failed to use the necessary diligence when seeking to increase the value of the dispute in a manner not consistent with the requirements of domestic law. The procedural errors could have been avoided from the outset, and given that they are mainly and objectively imputable to her, the adverse consequences of those errors rest on the applicant."*

*59. Referenza ssir ukoll għas-sentenza Avotins v. Latvia (QEDB, 23/05/2016) fejn ġie deċiż illi: "Having omitted to obtain information on the subject, he contributed to a large extent, as a result of his inaction and lack of diligence, to bringing about the situation of which he complained before the Court and which he could have prevented so as to avoid incurring any damage (see, mutatis mutandis, Hussin v. Belgium (dec.), no. 70807/01, 6 May, 2004, and McDonald, cited above)."*

*60. Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea riferuta fl-aħħar żewġ paragrafi ġiet ċitata b'approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Anthony Mario Vella et. vs. Reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali mogħtija fis-27 ta' Jannar, 2021.*

*61. Oltre minn hekk huwa wkoll ben stabbilit illi bħala linja ġenerali, ilment ta' ksur ta' smigħ xieraq fl-ambitu ta' kawża ċivili jrid iqis il-proċedura fit-totalità tagħha u mhux aspetti partikolari.»*

5. Fil-21 ta' Diċembru, 2022, MPM Capital Investments Limited, talbet permess speċjali, skont l-**Artikolu 229(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, sabiex tappella minn dan id-digriet. Dan il-permess ingħata mill-Ewwel Qorti b'digriet mogħti waqt is-seduta tas-7 ta' Frar, 2023.

6. MPM Capital Investments Limited ressqet l-appell tagħha fit-13 ta' Frar, 2023. Dan l-appell huwa magħmul minn erba' aggravji, li l-qofol tagħhom jista' jinġabar fil-punti li ġejjin:

i. li l-kumpanija appellanti ma taħti xejn għad-dewmien li seħħ biex il-kumpaniji msejħa fil-kawża ġew notifikati bir-rikors maħluf;

ii. li l-kumpanija appellanti ma setgħetx titlob li tagħmel il-kontroeżami tal-attur Mohammad Imad Raouf qabel l-attriċi *nomine* għalqet il-provi tagħha minħabba li l-istess attur dam biex għalaq ix-xhieda tiegħu sas-seduta tal-21 ta' Marzu, 2019;

iii. li ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naħa tal-kumpanija appellanti li wassalha biex hija ma tlestix il-kontroeżami tal-attur;

iv. li l-kontroeżami tal-attur baqa' ma twettaqx għaliex: (a) huwa ma kienx jattendi għas-seduti quddiem l-Ewwel Qorti minħabba li kien jgħix

barra minn Malta; (b) huwa naqas milli jindika l-ġranet li fihom seta' jiġi Malta biex isirlu l-kontroeżami b'mod *viva-voce;* (ċ) kien biss fis-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2019 li l-Ewwel Qorti ordnat li għandu jsir il-kontroeżami b'mod virtwali; (d) meta beda jsir il-kontroeżami tal-attur, dan kellu jiġi sospiż minħabba problemi teknoloġiċi u l-ħin li kien ġie allokat; u (e) fis-seduta ta' wara kien hemm talba għad-differiment min-naħa tal-attriċi *nomine* u matul dak id-differiment l-attur laħaq miet;

v. li l-kumpanija appellanti kellha kull jedd li toġġezzjona li l-attur jixhed permezz ta' vidjokonferenza minħabba li dan ma kienx fattibbli - kemm għaliex l-affidavit tal-attur kien wieħed voluminuż u kien jikkonsisti f'numru ta' dokumenti li riedet issir referenza għalihom waqt ix-xhieda, u kif ukoll għaliex waqt ix-xhieda setgħu jinqalgħu intoppi tekniċi; u

vi. li l-affidavit, ix-xhieda u d-dokumenti imressqa mill-attur Mohammad Imad Raouf huma l-provi prinċipali li fuqhom ġiet imsejsa l-kawża, u għalhekk il-kumpanija appellanti sejra ġġarrab ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq minħabba li hija tinsab imxekkla milli twettaq il-kontroeżami tal-attur.

7. L-attriċi *nomine* wieġbet għal dan l-appell fis-6 ta' Marzu, 2023, u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn hija temmen li l-appell tal-

kumpanija appellanti għandu jiġi miċħud. La Primero Solutions Company Limited u lanqas il-kuraturi deputati maħtura biex jirrappreżentaw lil Ultra Solutions MG Limited f'din il-kawża, ma ressqu tweġiba għall-appell ta' MGM Capital Investments Limited.

8. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għad-deċiżjoni tagħha b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Minħabba li l-erba' l-aggravji tal-kumpanija appellanti lkoll jorbtu mal-ilment tagħha, li hija ma taħti xejn għall-fatt li llum il-ġurnata hija tinsab f'impossibiltà li tlesti l-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf, u li minħabba dan ix-xkiel, id-difiża tagħha f'din il-kawża sejra tiġi ppreġudikata, il-Qorti tħoss li jkun xieraq li l-aggravji tagħha jitqiesu flimkien.

10. Il-Qorti tqis li l-fatti li taw lok għal dan l-appell huma dawn:

i. Fl-24 ta' Ġunju, 2016 infetħet din il-kawża;

ii. L-affidavit u d-dokumenti li qiegħda tintalab it-tneħħija tagħhom mill-atti ġew ippreżentati b'nota fit-2 ta' Settembru, 2016 u mbagħad ġew notifikati lill-avukat tal-kumpanija appellanti fit-22 ta' Settembru, 2016;

iii. Fuq talba tal-kumpanija appellanti, fl-ewwel appuntament tal-kawża, jiġifieri dakinhar tat-28 ta' Settembru, 2016, l-Ewwel Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża ta' Primero Solutions Company Limited u Ultra Solutions Company Limited. Minn dakinhar 'il quddiem saru tlettax-il seduta fejn il-kawża baqgħet tiġi differita sabiex jitwettqu n-notifiki sakemm imbagħad fis-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2018, l-Ewwel Qorti nnutat li Primero Capital Solutions Company Limited kienet ġiet notifikata bir-rikors maħluf iżda ma ressqet l-ebda tweġiba maħlufa. Dakinhar il-kawża tħalliet għall-provi tal-attriċi *nomine*;

iv. L-attriċi *nomine* ħadet sitt seduti biex ressqet il-provi tagħha. L-attur Mohammad Imad Raouf deher fi tliet seduti minn dawn is-sitta, jiġifieri fis-seduti tat-30 ta' Jannar, 2019, tal-25 ta' Frar, 2019 u tal-21 ta' Marzu, 2019. Huwa xehed in eżami fil-25 ta' Frar, 2019 u fil-21 ta' Marzu, 2019; u fid-darbtejn li huma x-xhieda tiegħu ġiet sospiża;

v. Fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2019 l-attriċi *nomine* ddikjarat li kienet qiegħda tagħlaq il-provi tagħha u b'hekk il-kawża tħalliet għall-provi tal-

kumpanija appellanti. Dakinhar l-Ewwel Qorti tat ordni biex l-attur Mohammad Imad Raouf jgħarrafha dwar meta huwa kien sejjer ikun f'Malta sabiex jixhed;

vi. Madankollu, b'rikors imressaq fis-16 ta' Settembru, 2019, l-attriċi *nomine* talbet lill-Ewwel Qorti biex il-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf isir b'vidjokonferenza għaliex dan marad serjament u ma kienx f'qagħda li jivjaġġa. Il-kumpanija appellanti ħasset li sejra tkun żvantaġġjata jekk il-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf isir b'vidjokonferenza u mhux fl-awla tal-Qorti u għalhekk oġġezzjonat għal din it-talba;

vii. Minħabba f'hekk, fl-14 ta' Ottubru, 2019, il-kawża ġiet differita għall-informazzjoni ulterjuri dwar jekk Mohammad Imad Raouf kienx sejjer ikun f'qagħda li jsirlu l-kontroeżami fl-awla tal-Qorti u reġgħet ġiet differita għal dan il-għan fid-9 ta' Diċembru, 2019, fl-20 ta' Jannar, 2020 u fil-5 ta' Marzu, 2020. Fil-21 ta' Mejju, 2020, il-kawża ġiet differita minħabba l-pandemija tal-COVID-19;

viii. Imbagħad fis-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020, l-Ewwel Qorti ġiet mgħarrfa li Mohammad Imad Raouf kien marid serjament u għalhekk hija ordnat li l-kontroeżami tiegħu jsir b'vidjokonferenza. Dan id-digriet ġie mtenni fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2020 u l-Ewwel Qorti ordnat

li l-kontroeżami tal-attur Mohammad Imad Raouf kellu jsir fl-14 ta' April, 2021 u fid-19 ta' Mejju, 2021; u

ix. B'ordni tal-Qorti mogħtija fl-14 ta' April, 2021, is-seduta tal-14 ta' April, ġiet differita għall-5 ta' Mejju, 2021. Dakinhar, waqt is-seduta ma sar xejn. Imbagħad, fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2021, il-kumpanija appellanti bdiet twettaq il-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf. Dakinhar il-kontroeżami ġie sospiż biex jitkompla fis-26 ta' Jannar, 2022. Madankollu, matul id-differiment Mohammad Imad Raouf miet u minħabba f'hekk il-kumpanija appellanti qiegħda tippretendi li x-xhieda kollha mogħtija minnu u kif ukoll id-dokumentazzjoni kollha mressqa minnu fl-atti tal-kawża għandha tinħareġ 'il barra mill-proċess.

11. Meqjus dan kollu, din il-Qorti tibda billi tqis, li għalkemm l-għodda tal-kontroeżami ta' xhud li jkun xehed, hija jedd tal-parti l-oħra fil-kawża (ara l-**Artikolu 579 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta)**, il-liġi ma tgħid xejn dwar meta għandu jsir il-kontroeżami ta' xhud (ara ***Simon Bezzina et v. Le Beau Champs Limited et***, Appell Superjuri, 12 ta' Lulju, 2019).

12. Madankollu, il-Qorti tiddikjara minnufih, li f'ġieħ kemm il-prattiċità u kif ukoll il-prinċipju li l-kawżi għandhom jinstemgħu fi żmien qasir u mhux bis-sulluzzu, ir-regola għandha tkun dejjem li l-kontroeżami ta' xhud irid jitwettaq minnufih wara li jkun sar l-eżami tiegħu. Fil-każ ta' xhieda li tkun

ingħatat b'mod *viva-voce* quddiem il-Qorti, il-kontroeżami għandu jsir sa fejn huwa possibbli fl-istess seduta li fiha x-xhud ikun instema'.

13. Id-drawwa li tħalliet tidħol li l-istess xhud jitressaq biex jixhed aktar minn darba, u darba wara l-oħra b'riżerva ta' xhieda ulterjuri, riżerva ta' kontroeżami, riżerva ta' kontroeżami ulterjuri u riżerva ta' ri-eżami, eċċetra, hija waħda ħażina ferm. It-tressiq tal-istess xhud aktar minn darba għandu jitħalla biss meta x-xhieda mogħtija minn dak ix-xhud tkun waħda teknika li dwarha parti tkun teħtieġ parir tekniku biex tkun tista' tagħmel kontroeżami jew meta jkunu jeżistu raġunijiet validi fejn il-kontroeżami ma jkunx jista' jitwettaq dakinhar. F'sitwazzjonijiet oħra, xhud għandu jixhed u jiġi kontroeżaminat f'okkażjoni waħda, biex b'hekk jinżamm rispett lejn ix-xhud biex ma joqgħodx jittella' l-Qorti kull darba, u biex ukoll jiġu evitati dewmien żejjed u ripetizzjonijiet inutili (ara ***John Anthony Cuschieri pro et noe v. Alton Scerri et***, Appell Superjuri, 21 ta' Ottubru, 2021).

14. Dan kollu jagħmel sens, mhux biss biex il-kawżi jinstemgħu b'ħeffa, iżda wkoll għaliex meta l-kontroeżami jsir minnufih wara li tingħata x-xhieda, ix-xhud huwa mistenni li jiftakar eżatt x'ikun stqarr ftit tal-mumenti qabel u ma jkunx jeħtieġlu joqgħod iġedded il-memorja ta' dak li jkun qal. Naturalment, mhux l-istess jista' jingħad meta jsir kontroeżami ta' persuna li tkun xehdet numru ta' seduti qabel.

15. Dan jgħodd ukoll għal dawk il-persuni li jkunu xehdu fil-kawża permezz ta' affidavit. Għalkemm wieħed jifhem li mhuwiex possibbli li l-kontroeżami ta' xhieda bħal dawn isir fl-istess seduta li fiha jitressaq l-affidavit, għaliex il-parti l-oħra tkun għadha trid tifli dak li jkun intqal bil-ġurament, ma hemm xejn xi jżomm lil dik il-parti milli titlob li twettaq il-kontroeżami fis-smigħ li jkun imiss.

16. Tassew m'hemm xejn fil-liġi li jżomm lil parti milli titlob li twettaq il-kontroeżami tal-persuni li jkunu xehdu b'affidavit fis-seduta li jkun imiss, minnufih wara li jiġi ppreżentat dak l-affidavit. Il-liġi ma twaqqafx lil parti milli tressaq talba bħal din, anke jekk il-parti l-oħra tkun għadha ma kkonkludietx il-provi kollha tagħha.

17. Kif issemma aktar 'il fuq, fil-każ tagħna l-affidavit ta' Mohammad Imad Raouf tressaq fl-atti, fit-2 ta' Settembru, 2016 u ġie notifikat formalment lill-avukat tal-kumpanija appellanti għoxrin jum wara, jiġifieri fit-22 ta' Settembru, 2016. Minn dakinhar 'il quddiem ma kien hemm xejn xi jżomm lill-kumpanija appellanti milli titlob lill-Ewwel Qorti biex twettaq mill-ewwel il-kontroeżami ta' dan ix-xhud. Tassew, ma kien hemm xejn xi jwaqqaf lill-kumpanija appellanti milli twettaq il-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf waqt li kienu qegħdin isiru t-tentattivi ta' notifika lill-kumpaniji msejħin fil-kawża.

18. Il-fatt waħdu li f'dak l-istadju tal-kawża, l-imsejħin fil-kawża kienu għadhom mhumiex notifikati bl-atti ma kienx ta' xkiel għat-twettiq tal-kontroeżami. Wara kollox, l-imsejħin fil-kawża kien sejjer jibqagħalhom il-jedd li jekk iridu jagħmlu l-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf, wara li huma jilqgħu n-notifika tar-rikors maħluf.

19. Jiġi b'hekk, li l-kumpanija appellanti ħliet sewwasew tlettax-il seduta, li fihom seta' faċilment ġie konkluż il-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf dwar dak li ntqal minnu fl-affidavit tiegħu. Minbarra dan, kien hemm seduti oħra li fihom il-kumpanija appellanti setgħet wettqet il-kontroeżami, fosthom fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2019, meta Mohammad Imad Raouf kien preżenti fl-awla tal-Qorti iżda huwa ma ġiex mitlub biex jixhed. Kien fid-dmir tal-kumpanija appellanti li tagħmel użu għaqli minn dawn is-seduti iżda l-verbali rispettivi dwar dawn is-seduti juru li hija baqgħet passiva u fl-ebda waqt ma ħaddmet il-jedd tagħha jew talbet l-opportunità biex twettaq il-kontroeżami dwar l-affidavit ta' Mohammad Imad Raouf (ara f'dan is-sens ***Anthony Caruana & Sons Limited et v. Christopher Caruana***, Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014).

20. Huwa minnu li għalkemm Mohammad Imad Raouf kien jgħix barra minn Malta, ma setgħetx tintuża l-proċedura tal-ittri rogatorji misjuba fl-**Artikolu 622A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex isir il-kontroeżami

tiegħu. Dan sewwasew għaliex dan l-artikolu tal-liġi jgħodd biss għall-każ ta' affidavit li ma jkunx ġie magħmul f'Malta (ara ***Digitech Co. Ltd v. Cogeco s.a.s.***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Mejju, 2004), mentri fil-kawża tagħna Mohammad Imad Raouf ħalef l-affidavit tiegħu quddiem prokuratriċi legali Maltija.

21. Madankollu, ma kien hemm xejn x'iżomm lill-kumpanija appellanti milli titlob li twettaq il-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf permezz ta' vidjokonferenza, skont kif hemm maħsub fl-**Artikolu 622B tal-Kap. 12 tal-Liġjiet ta' Malta**. Anzi, din il-Qorti ttenni, mingħajr ebda tlaqliq, li l-kumpanija appellanti żbaljat ferm meta hija webbset rasha u oġġezzjonat għat-talba tal-mandatarju speċjali tal-atturi biex il-kontroeżami ta' dan ix-xhud isir b'vidjokonferenza. Wara kollox, ladarba fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2019, il-kumpanija appellanti ddikjarat li hija kienet qiegħda taqbel li l-kontroeżami ta' Ayman Raouf isir b'vidjokonferenza, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex hija ma kellhiex tagħmel l-istess fir-rigward tal-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf.

22. Huwa minn ewl id-dinja li matul xandiriet ta' dan it-tip, jistgħu jinqalgħu xi intoppi tekniċi, bħal kif jista' jkun li ġara waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju, 2021. Iżda li kieku l-kumpanija appellanti ma ħlietx numru mhux żgħir ta' seduti, hija kien ikollha biżżejjed żmien biex tikkonkludi l-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf, kemm dwar dak li ntqal fl-

affidavit tiegħu, u kif ukoll dwar dak li huwa xehed b'mod *viva-voce* quddiem l-Ewwel Qorti. Tassew, il-fatt li bejn is-16 ta' Settembru, 2019 (jiġifieri l-jum li fih il-mandatarju speċjali tal-atturi talbet li Mohammad Imad Raouf jixhed permezz ta' vidjokonferenza) u s-7 ta' Ottubru, 2020 (jiġifieri l-jum li fih l-Ewwel Qorti laqgħet din it-talba tal-mandatarju speċjali tal-atturi), inħlew xejn inqas minn ħames seduti, ma huwa tort ta' ħadd ħlief tal-kumpanija appellanti, għaliex kienet hi li baqgħet toġġezzjona li twettaq il-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf b'dan il-mod.

23. Lanqas huwa siewi l-argument tal-kumpanija appellanti li hija ma setgħetx twettaq il-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf minħabba li meta xehed *viva-voce* quddiem l-Ewwel Qorti, ix-xhieda tiegħu kienet ġiet sospiża għal darbtejn fuq xulxin. Il-kumpanija appellanti ma kienx imissha ħliet ħames seduti wara li l-attriċi *nomine* għalqet il-provi tagħha. Li kieku hija tassew kellha r-rieda li twettaq il-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf, hija kienet taħtaf l-opportunità u taqbad twettaq il-kontroeżami tiegħu b'vidjokonferenza skont l-**Artikolu 622B tal-Kap. 12 tal-Liġjiiet ta' Malta**. B'hekk hija kien ikollha biżżejjed żmien biex tikkonkludi l-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf qabel huwa miet.

24. Fuq kollox, il-Qorti ssib li r-raġunijiet wara l-oġġezzjoni tal-kumpanija appellanti ma kinux siewja għaliex, kif rajna, it-teħid ta' xhieda permezz ta' vidjokonferenza huwa maħsub fil-liġi. Minbarra dan, illum il-

ġurnata it-teknoloġija tippermetti li d-dokumenti jiġu *scanned* u murija fuq skrin anke fil-waqt li tkun għaddejja x-xandira b'vidjokonferenza, u għalhekk, il-fatt waħdu li l-affidavit ta' Mohammad Imad Raouf kien wieħed voluminuż u kellu mehmuża miegħu numru ta' dokumenti, ma kien sejjer ikun tal-ebda xkiel biex il-kumpanija appellanti twettaq il-kontroeżami.

25. Din il-Qorti tagħraf bejn nuqqas li jsir kontroeżami minħabba tnikkir mill-parti li tkun qagħdet lura milli twettqu (bħal fil-każ ta' xhud li jilħaq imut żmien wara li jkun tressaq l-affidavit tiegħu) u nuqqas li jsir il-kontroeżami meta x-xhud ma jkunx jista' jinstab jew ma jkunx jista' jitħaddem l-ebda metodu aċċettat bil-liġi biex isir il-kontroeżami (ara ***Simon Bezzina et v. Le Beau Champs Limited et***, Appell Superjuri, 12 ta' Lulju, 2019). Meqjus dan kollu, huwa ferm ċar li l-fatt li llum il-ġurnata l-kumpanija appellanti mhijiex f'qagħda li tikkonkludi l-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf, ma huwa tort ta' ħadd għajr tal-kumpanija appellanti stess, u għalhekk hija ma jistħoqqilhiex wens minn din il-Qorti.

26. Jibqa' biss li din il-Qorti tisħarreġ l-ilment tal-kumpanija appellanti li hija mhix sejra tingħata smigħ xieraq jekk ix-xhieda u d-dokumenti mressqa minn Mohammad Imad Raouf jibqgħu fl-atti.

27. Il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jixbah ferm lil sitwazzjoni

meta xhud li jkun ta x-xhieda tiegħu waqt kumpilazzjoni, jispiċċa jmut waqt li jkunu għaddejjin il-proċeduri kriminali. Għalkemm huwa minnu li meta jmut xhud waqt il-kawża, dan jista' jkun, xi ftit jew wisq, ta' ħsara għall-akkużat, wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-kwistjoni tqum biss għaliex l-akkużat ma jkunx għamel użu mid-dritt tiegħu li jagħmel kontroeżami ta' dak ix-xhud waqt il-kumpilazzjoni. Id-dritt tal-kontroeżami qiegħed hemm, u jekk l-akkużat ma jwettqux, jew joqgħod jitnikker biex jagħmlu, l-għażla li jieħu r-riskju tkun tiegħu. Iżda mbagħad, jekk jiddeċiedi li jieħu r-riskju, huwa ma jistax jilmenta li mhuwiex sejjer jingħata smigħ xieraq (ara ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Dionisio sive Dennis Micallef***, Appell Kriminali, 13 ta' Jannar, 1997 u ***John Attard v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-31 ta' Ottubru, 2012 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2013).

28. Kif rajna, fil-każ tagħna kienet il-kumpanija appellanti li qagħdet titnikker biex twettaq il-kontroeżami ta' Mohammad Imad Raouf, u għalhekk, issa li dan miet, hija ma tistax tilmenta li mhux sejra tingħata smigħ xieraq minħabba li tinsab imxekkla milli tlesti l-kontroeżami tiegħu.

29. Huwa magħruf li meta persuna li tixhed in eżami tmut qabel ma jkun jista' jsirilha l-kontroeżami, ix-xhieda tagħha tibqa' ammissibbli. Madankollu, meta wieħed jiġi biex jiġġudika, wieħed jeħtieġlu jqis dik ix-

xhieda b'kawtela, jiġifieri bħala xhieda li dwarha ma setax isir il-kontroeżami, u jrid jagħtiha inqas piż minn xhieda li dwarha sar jew seta' jsir il-kontroeżami (ara f'dan is-sens ***R v. Doolin*** (1822) 1 Jebb C.C. 123 (Ir.), **Richard Glover**, ***Murphy on Evidence***, **Oxford University Press**, il-15-il edizzjoni, f'paġna 249 u **Hodge M. Malek**, ***Phipson on Evidence***, **Sweet and Maxwell**, l-20 edizzjoni, f'paġna 395).

30. B'żieda ma' dan, hija l-liġi Maltija stess li tippermetti li jinġiebu *«dikjarazzjonijiet magħmulin bil-miktub f'kull lok li jkun quddiem maġistrat, jew persuna oħra, sew in articulo mortis kemm fi żmien ieħor, sew quddiem il-partijiet kemm mhux quddiemhom, bil-ġurament jew mingħajru, basta li jiġi ppruvat illi dawk id-dikjarazzjonijiet saru bil-ħsieb u f'ċirkostanzi tali li wieħed għandu jaħseb li min għamilhom ma riedx ibiddel is-sewwa, u li kieku seta' jiġi msejjaħ biex jixhed fil-kawża, kien ikun xhud kompetenti.»* (ara l-**Artikolu 600 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Huwa minnu li x-xhieda ta' Mohammad Imad Raouf ma ngħatatx *in articulo mortis*, għaliex meta dan xehed, huwa ma kienx fuq is-sodda tal-mewt. Madankollu, il-liġi tgħid li dikjarazzjonijiet bħal dawn jistgħu jsiru mhux biss *in articulo mortis* imma wkoll fi żmien ieħor u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex għax ma tqisx bħala ammissibbli xhieda li saret b'affidavit u kif ukoll xhieda li ttieħdet quddiem qorti oħra.

31. Fuq kollox, il-Qorti ma tifhimx kif id-dritt tal-kumpanija appellanti

għal smigħ xieraq jista' jiġi mxellef meta wieħed iqis li l-istadju tal-provi tagħha għadu ma ngħalaqx u li hija għad għandha kull opportunità li tressaq provi, xhieda u dokumenti oħra biex twaqqa' jew ixxejjen dak kollu li Mohammad Imad Raouf qal fl-affidavit u fix-xhieda tiegħu. Tassew, huwa fih innifsu bikri li wieħed jgħid li l-kumpanija appellanti mhijiex sejra jkollha smigħ xieraq jekk ix-xhieda u d-dokumenti mressqa fl-atti minn Mohammad Imad Raouf jibqgħu fl-atti, meta hu magħruf li wieħed irid jeżamina l-proċeduri fis-sħiħ tagħhom meta jasal għall-ġudizzju finali (ara ***Micallef Insurance Agency Limited v. Mario Bugeja u soċjetà Bellusa Coporation Limited***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 24 ta' Jannar, 2014).

32. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, l-aggravji tal-kumpanija appellanti qegħdin jiġu miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell ta' MPM Capital Investments Limited, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti **<u>tordna</u>** lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

sabiex jibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bil-għan li jissokta s-smigħ ta' din il-kawża quddiemha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm